390
PA

**Fit-Tribunal Ta' Revizjoni Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
- 6 OCT 2017
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

Appell tas-socjeta' kummercjali Kingsway Palace Company Limited (C-437) (registered objector) ghall-Hrug tal-Permess PA 04667/17Intavolat minn Jeanette Cini ghal Positive Holdings Limited
Whitehall Mansions, Flat 13,
Luqa Briffa Street,
Gzira GZR 1506

Re – Application Number PA/04667/17
Application Type – Full Development Permission
Proposal – Change of Use from Class 4B to take-away (no cooking on site)
Location – Ladybird Gourmet Store, 54, Under The Arches, Triq ir-Repubblika, Valletta, Malta

**Rikors ta' l-appell tas-socjeta' appellant Kingsway Palace Company Limited (C 437)**
**Tesponi bir-rispett -**

1. Illi fit-28 ta' April 2017, is-socjeta' kummercjali Positive Holdings Limited tramite d-direttrici taghha Jeanette Cini intavolat applikazzjoni ghal zvilupp tat-tip 'Full development permission' ma' l-Awtorita' dwar l-Ippjanar ghal bdil ta' uzu tas-sit mertu ta' l-izvilupp minn klassi 4A ghal klassi 4B;
2. Illi flimkien ma' din l-applikazzjoni u inter alia dokumenti ohra ma' l-Awtorita' dwar l-Ipjjanar Jeanette Cini ntavolat ukoll kif tezigi l-ligi stess, id-dikjarazzjoni ta' l-applikant u dan skond l-artikolu 68(3) li titlob u tiddikjara li –

   'Positive Holdings Limited, is the sole owner of the entire site indicated in this site plan'

3. Illi s-socjeta' Kingsway Palace Company Limited oggezzjonat ghal din it-talba ghal bdil tal-klassi, fejn fl-ittra ta' l-oggezzjoni li giet prezentata lill-Awtorita' entro t-terminu stipulate fil-ligi, s-socjeta' Kingsway Palace Company Limited kienet anki nformat lill-Awtorita' li hi sid il-propjeta' mertu ta' din l-applikazzjoni u li ma hemm ebda kunsens da parti ta' l-istess socjeta' Kngsway Palace Company Limited ghal din it-talba ta' bdil fil-klassi;

4. Illi fid-19 ta' settembru 2017, bl-applikazzjoni PA/04667/17, l-Awtorita Dwar l-Ippjanar harget 'Full Development Permission' skond l-Att 2016, liema permess gie notifikat lill-registered objectors (kwindi Kingsway Palace Company Limited) fit-23 ta' Settembru 2017;

5. Illi r-registered objectors u kwindi s-socjeta' appellanti Kingsway Palace Company Limited, hassew ruhhom aggravati bil-permess ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar tad-19 ta' Settembru 2017, fil-PA/04667/17, u fejn ghalhekk is-socjeta' appellanti qieghda tinterponi u tissottometti dan l-umili appell ghar-ragunijiet segwenti u fuq l-aggravji kif hawn isfel citati –

**L-Ewwel Aggravju**

6. Illi l-aggravju tas-socjeta' appellanti Kingsway Palace Company Limited huwa imsejjes fuq il-punt li Positive Holdings Limited u d-direttrici ta' din l-istess socjeta' Jeanette Cini, ddikjaraw

il-falz fil-mili tad-dikjarazzjoni kif tezigi l-ligi ghall-applikazzjoni ta' permess ma' l-Awtorita' dwar l-Ippjanar, billi din id-dikjarazzjoni hija imsejsa fuq dikjarazzjoniet foloz, dikjarazzjonijiet inveritjieri u dikjarazzjonijiet malinni, liema dikjarazzjonijiet saru bis-satar tas-sid propju ta' din il-propjeta', u liema sid qatt u qatt ma taha l-kunsens tieghu la espress u lanqas b'mod tacitu, sabiex tali hanut mertu ta' l-applikazzjoni jinbidel ghal Class 4B;

7. Illi sid dan il-hanut u l-kumpless kollu fejn jezisti dan il-hanut u cjoe' taht l-arkati gewwa Triq ir-Repubblika Valletta hija l-kumpanija Kingsway Palace Company Limited kif wiehed jista japprezza mill-kuntratt notarili datat ~~XXX~~ (i) liema kuntratt jinsab hawn anness bhala dok KWP 1;
(i) 25 TA' OTTUBRU 1950

8. Illi s-sid qatt ma kien jaf, qatt ma gie informat u qatt ma gie avvicinat minn Positive Holdings Limited ghal talba ta' din in-natura liema sid, lanqas qatt ma kien ser jaghti u lanqas ma huwa ser jaghti l-kunsens u/jew l-awtorizzazzjoni tieghju sabiex jinbidel il-klassi u t-tip ta' hanut fuq il-post in kwistjoni;

9. Illi ma' dan l-appell qieghed jigi anness l-'Application Form' market bhala dok KWP 2, fejn fid-dikjarazjoni ta' l-istess applikanta Jeanette Cini ghan-nom ta' Positive Holdings Limited, Jeannette Cini ddikjarat li hi s-sid intiera u totali tal-hanut mertu ta' l-applikazzjoni;

10. Illi din l-applikazzjoni qieghda tigi sottomessa ma' dan l-appell sabiex propju t-Tribunal tapprezza l-gravita' ta' haga bhal din, fejn t-Tribunal ghandha ghalhekk thassar, tirrevoka u tikkancella ghal kollox tali applikazzjoni u tali permess datat id-19 ta' Settembru 2017 bin-numru PA/04667/17, liema dikjarazzjoni tirrendi l-process intier null 'ab initio' u liema process m'hu xejn ghajr li jikkostitwixxi 'inter alia' ksur ta' l-artikolu 80 tal-Kap 552, fejn id- dikjarazzjoni hija skorretta u ma tistax b'ebda mod tintlaqa';

11. Illi ghalhekk fid-dawl ta' dan, il-permess sussegwenti li hareg fid-19 ta' Settembru 2017, huwa imsejjes fuq dikjarazzjonijiet fazulli u skorretti, fejn ghalhekk dan il-permess ghandu jigi revokat u kancellat ghal kollox u b'mod irreversibbli, ghax ma jistax ikun li nhallu applikanti jaghmlu li jridu u jahsbu li huma l-fuq mil-ligi u jitfghu fl-applikazzjoni taghhom dak li jaqbel lilhom u aghar minn hekk jiddikjaraw il-gideb, u jwarrbu (konvenjetement) dawk l-obblighi li hemm bzonn minn terzi interessati;

12. It-Tieni Aggravju

Illi t-Tielet Aggravju jirrigwarda l-fatt li nonostante li s-socjeta' appellanta irceviet ittra datata is-26 ta' Gunju 2017 rigward il-korrispondenza li gie mibghut mis-socjeta' appellanta, s-socjeta' appellanta qatt ma giet mitluba u/jew interpellata sabiex tidher sabiex tkompli telabora fuq ir-rappresentazzjonijiet kif spjegati fl-istess 'objection' liema 'objection' wara kollox sar entro t-terminu stipulat fil-ligi fejn ghalhekk is-socjeta' appellanta hija skond il-ligi rikonoxxuta bhala 'a statutory interested party' skond l-artikolu 71 (6) tal-Att VII tas-sena 2016;

Illoi cio' nonostante dan kollu, l-Awtorita' fil-processi u proceduri taghha, injorat u ma haditx konjizzjoni ta' din l-oggezzjoni fejn s-socjeta' appellanta lanqas ma giet mitluba tidher u/jew tersaq quddiem l-Awtorita' ghal xi laqgha fuq dak citat, u fejn ghalhekk il-proceduri b'kull rispett huma monki u rregolari ghax ma jaghmel assolutament ebda sens li bniedem/persuna ghandu d-dritt li joggezzjona, jigi kwalifikat bhala objector skond il-ligi, u mbaghad wara dan

kollu, nibghu ghaddejjin b'rankatura u lanqas ma naghtu widen ghal dak ilmentat u jinhareg permess mill-Awtorita' sabiex bniedem jirfes drittijiet ta' haddiehor u Alla maghna (wara l-hrug tal-permess) kif u come jigu mharsa id-drittijiet ta' dak l-objector registrat mhux biss fil-ligi imma anki fattwalment, fejn illum il-gurnata u sabiex inkomplu naggravaw ic-cirkostanzi, Positive Holdings Limited ghaddejja kemm jista' jkun malajr fix-xogholijiet fil-post;

13. Ghalhekk fid-dawl ta' din id-decizjoni u permess mahrug mill-Awtoirita' Dwar l-Ippjanar, u prevja kwalunkwe provi ulterjuri li hemm bzonn fis-smigh ta' l-appell, is-socjeta' appellanta Kingsway Palace Company Limited ( C437) qieghda titlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex thassar, tirrevoka u tikkancella l-permess mahrug mill-Awtorita' Dwar l-Ippjanar, datat id-19 ta' Settembru 2017, bin-numru tar-referenza PA/04667/17, u dan bl-ispejjez tal-kaz kontra l-istess kumpanija applikanta Positive Holdings Limited, u prevja u jekk hemm bzonn taht dawk il-provvedimenti kollha opportuni u necessarji li dan it-Tribunal ihoss li huma opportuni fic-cirkostanzi.

14. Bl-ispejjez

**Avv Mark Attard Montalto**
markattardmontalto@sagajuris.com
58 Old Bakery Street
Valletta

**Av Krystyna Grima**
kcassartorregiani@gmail.com

E.M. Camilleri

**Avv Edward Mario Camilleri**
edwardcamilleri@sagajuris.com
58 Old Bakery Street
Valletta

Notifika –**Positive Holdings Limited**
Whitehall Mansions, Flat 13,
Luqa Briffa Street,
Gzira GZR 1506